MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 159/2002/1

**George Fenech**

**vs**

**Josephine sive Josette Fenech**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti George Fenech u Josephine Fenech kienu kkontrattaw zwieg bejniethom fill-17 ta' Ottubru, 1987 liema zwieg hu registrat fic-certifikat bin-numru 1815/87 Dok. 'A'.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzzju fuq il-hajja

mizzewga, u / jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha kif ser ikun ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizjat peress li kien inkiseb bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew dritt ghall-att taz-zwieg liema att taz-zwieg fil-fatt qatt ma sar bejn il-partijiet.

Illi ser jirrizulta simulazzjoni tal-kunsens tant li dan kien kompletament ivvizjat u / jew sar bl-eskluzzioni posittiva taz-zwieg.

U ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett *ai termini* tal-artikoli relevanti taht l-Att XXXVI tal-1975 li jirregola z-zwigijiet.

Illi l-istess attur talab li ghalhekk il-konvenuta tghid il-ghala dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti George Fenech u Josephine Fenech fis-17 ta' Ottubru, 1987 huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra illi jkunu opportuni f’dan ir-rigward.

BI-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta minn issa biex tixhed in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 u 5 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta a fol 11 fejn gie eccepit:

Illi hija tirrimetti ruhha ghall-atti u l-provi processwali pero` f’kull kaz hija m’ghandhiex tbati spejjez tal-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni u -lista ta’ xhieda a fol 12 tal-process;

Rat il-verbal tat-28 ta' Mejju 2002 fejn deher Dr Mark Busuttil ghall-attur, inghata digriet tal-affidavits tal-partijiet ta' erbghin jum kullwiehed u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Novembru 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din il-kawza saret mill-attur sabiex iz-zwieg tieghu mal-konvenuta li sar fis-17 ta' Ottubru 1987 jigi dikjarat null u bla effett *ai termini* u effetti kollha tal-ligi.

Illi fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2002 kien deher Dr Mark Busuttil ghall-attur.

Illi f'din l-imsemmija seduta, il-Qorti tat digriet sabiex il-partijiet fi zmien erbghin gurnata kull wiehed jipprezentaw il-provi taghhom permezz tal-affidavits. Illi *nonostante* dan, tali digriet gie kompletament injorat u l-ebda provi ma gew ghalhekk prodotti f'din il-kawza. B'hekk din il-Qorti ma ngabu ebda provi quddiemha biex jigu sostanzjati t-talbiet attrici u ghalhekk tichad it-talbiet attrici minhabba assenza totali ta' provi.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi** billi **tichad it-talba attrici** *stante* li l-attur naqas li jressaq provi in sostenn tal-istess.

Bl-ispejjez kontra l-attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Novembru 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Novembru 2002**